

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Krajský súd v Prešove (is-Slovakkja) fl-4 ta' Lulju 2014 –
CD Consulting s.r.o. vs Anna Pančurová et**

(Kawża C-328/14)

(2014/C 351/03)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Krajský súd v Prešo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: CD Consulting s.r.o.

Konvenuta: Anna Pančurová et

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE ⁽¹⁾, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur u tal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ⁽²⁾, tat-22 ta' Diċembru 1986, għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-kreditu lill-konsumatur, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha l-qorti nazżjonali li tiddeċiedi fuq id-drittijiet li jirriżultaw minn kambjala gġirata, f'ebda stadju tal-proċedura ma tista' bħala prinċipju teżamina *ex officio* l-kuntratt, il-bażi tar-relazzjoni ġuridika, l-eventwali natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali jew eventwali ksur tal-liġi li tirregola l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' indikazzjoni tar-rata annwali effettiva globali f'kuntratt ta' kreditu lill-konsumatur li minnu toriġina l-kambjala?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 326.

**Appell ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2014 minn Adler Modemärkte AG mis-sentenza mogħtija mill-
Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fl-14 ta' Mejju 2014 -Kawża T-160/12 – Adler Modemärkte AG vs L-
Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-343/14)

(2014/C 351/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Adler Modemärkte AG (rappreżentant: J.-C. Plate, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza appellata,

— tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali,

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell huwa dirett kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Mejju 2014 fil-Kawża T-160/12, li permezz tagħha din il-qorti ħadhet ir-rikors ippreżentat minn Adler AG Modemärkte AG kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Frar 2012 (Każ R 1955/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Blufin SpA u Adler Modemärkte AG.

L-appellanti invokat l-aggravji segwenti:

1. L-ewwel nett, ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94, dwar it-trade mark Komunitarja. Il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat din id-dispożizzjoni u l-ġurisprudenza stabbilita dwar ix-xebh ta' sinjali u l-probabbiltà ta' konfużjoni, peress li ddeduċiet xebh ta' sinjali u probabbiltà ta' konfużjoni tat-trade marks kunfliġġenti mill-konkordanza tal-elementi tas-sinjal li, minn naħa, jikkorrispondu għal indikazzjoni materjali purament deskrittiva tan-natura tal-prodotti (jiġifieri, l-indikazzjoni tal-kulur "nejviblu" għall-prodotti koperti mit-trade marks kunfliġġenti) u li, min-naħa l-oħra, il-pubbliku rilevanti, minħabba l-assenza ta' karattru distintiv intrinsiku, jikkunsidra bħala li ma jirreferux għall-orijini kummerċjali tal-prodott ta' impriża speċifika b'distinzzjoni mal-prodotti ta' impriżi oħra. Barra minn hekk, f'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali tikser il-kunċett legali ta' indikazzjoni deskrittiva meta tikkonstata li t-terminu "nejviblu" la huwa deskrittiv tal-prodotti koperti, jiġifieri l-ħwejjeġ, u lanqas huwa karatteristika essenzjali tal-prodott.
2. It-tieni nett, is-sentenza appellata nġhatat fuq il-bażi ta' distorsjoni tal-fatti. Il-Qorti Ġenerali kkontestat li l-indikazzjoni "nejviblu" jista' jkollha (fil-lingwa ta' kull pajjiż, b'mod partikolari it-Taljan u l-Franċiż) tifsira deskrittiva tal-prodotti kkonċernati fil-klassijiet 18 u 25, minkejja li huwa stabbilit li s-sinjali kunfliġġenti fihom il-kunċett "nejviblu" li huwa purament deskrittiv ta' prodotti f'kull waħda mil-lingwi tal-Unjoni u li t-trade mark invokata insostenn tal-oppożizzjoni, bit-Taljan "blu marino", u t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, bil-Franċiż "marine bleu", huma biss ftit differenti minn dawn il-kunċetti. Barra minn hekk, fil-proċeduri preċedenti quddiem l-UASI, kemm id-Divizzjoni tal-Oppożizzjoni kif ukoll il-Bord tal-Appell tal-UASI kkonstataw li "nejviblu" (f'kull lingwa tal-pajjiżi Ewropej) huwa terminu deskrittiv tal-prodotti. Il-Qorti Ġenerali hija marbuta b'din il-konstatazzjoni.
3. It-tielet nett, fis-sentenza appellata, il-motivi invokati sabiex jiġi sostnut li l-indikazzjoni "nejviblu" ma hijiex deskrittiva tal-prodotti huma kontradiutorji u jirriflettu nuqqas ta' motivazzjoni. Fil-punt 54, il-Qorti Ġenerali stess tikkonstata li l-elementi tas-sinjali kunfliġġenti jindikaw it-ton tal-kulur inkwistjoni. Fil-punt 55, hija barra minn hekk tikkonkludi li din it-tifsira hija "evidenti".
4. Ir-raba' nett, is-sentenza appellata ġiet mogħtija fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet mhux applikabbli, jiġifieri dawk tar-Regolament (KE) Nru 207/2009⁽¹⁾. Huwa r-Regolament (KE) Nru 40/94 li għandu japplika⁽²⁾.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17 Vol. 1, p. 146).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale civile di Trieste (l-Italja) fil-21 ta' Lulju 2014 – Florin Lazar, irrappreżentat minn Luigi Erculeo vs Allianz SpA

(Kawża C-350/14)

(2014/C 351/05)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale civile di Trieste

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Florin Lazar, irrappreżentat minn Luigi Erculeo

Konvenuta: Allianz SpA